

2) Ir-rikors ippreżentat minn A. Traore quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-90/07 huwa miċħud.

3) A. Traore u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom relatati kemm mal-ewwel istanza kif ukoll mal-appell.

4) Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Qorti tal-Awdituri tal-Komunitajiet Ewropej għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

(¹) ĠU C 44, 21.2.2009

Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-19 ta' Mejju 2009 — Meyer-Falk vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-251/06) (¹)

(“Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Dokumenti dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u r-riforma ġudizzjarja fil-Bulgarija — Rifjut ta' aċċess — Kawża tisfa mingħajr suġġett matul il-proċedura — M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2009/C 180/93)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Thomas Meyer-Falk (Bruchsal, il-Ġermanja) (rappreżentant: S. Crosby, solicator)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: P. Costa de Oliveira u A. Antoniadis, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tas-6 ta' Novembru 2006, li biha r-rikorrent ġie rrifjutat l-aċċess għal żewġ dokumenti dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u r-riforma ġudizzjarja fil-Bulgarija.

Dispożittiv

1) M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq dan ir-rikors.

2) Kull parti għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

(¹) ĠU C 236, 13.9.2008.

Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-4 ta' Ġunju 2009 — UniCredit SpA vs UASI — Union Investment Privatfonds (UniCredit)

(Kawża T-4/09) (¹)

(“Trade mark Komunitarja — Oppożizzjoni — Irtirar tal-oppożizzjoni- M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)

(2009/C 180/94)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: UniCredit SpA (Ruma, l-Italja) (rappreżentanti: G. Florida u R. Florida, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: O. Montalto, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Union Investment Privatfonds GmbH (Frankfurt, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Zindel, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tat-3 ta' Novembru 2008 (Każ R 1449/2006-2) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn UniCredit SpA u Union Investment Privatfonds GmbH.

Dispożittiv

1) M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.

2) Ir-rikorrenti hija kkundannata tbat i-ispejjeż tagħha, kif ukoll dawġ sostnuti mill-konvenut.

(¹) ĠU C 55, 7.3.2009